ARBITRU

Dott. Deborah Schembri

Seduta ta' nhar il-Ħamis, 11 ta' Diċembru, 2025

Talba Nru: CCT194/25/DS

Antoine Mifsud

Vs

Portelli and Brincat Ltd.

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fid-29 ta' Ottubru, 2025 fejn talab illi s-soċjeta' intimata tirrifondi l-ammont ta' mitt Ewro (€100) li illi huwa ħallas bħala depożitu għal *blinds*, illi baqgħu ma ġewx installati meta kellhom jiġu installati f'Lulju, 2025.

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ ma intavolatx risposta u għal din ir-raguni giet meqjusa kontumaċi minn dan it-Tribunal;

Ra illi lanqas deher rappreżentant tas-soċjeta intimata biex jippreżenta l-pużizzjoni tagħha waqt dawn il-proċeduri;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda tar-rikorrenti bil-ġurament.

Ra li ma kienx hemm ħtieġa għal trattazzjoni.

Ikkunsidra

Illi mill-provi jirriżulta illi r-rikorrenti kkonferma it-talba tiegħu taħt ġurament. Ġaladarba s-soċjeta' intimata la għamlet risposta u lanqas bagħtet rappreżentant tagħha sabiex jagħti x-xhieda tiegħu il-verżjoni tar-rikorrenti m'hija bl-ebda mod kontradetta. Barra minn hekk il-verżjoni tar-rikorrenti hija korroborata min evidenza dokumentarja illi ma tħalli l-ebda dubbju f'moħħ dan it-Tribunal illi l-fatti graw hekk

kif ġie konfermat taħt ġurament u li għaldaqstant tħallas depożitu għal *blinds* illi ma ġewx effettivament installati.

Illi t-Tribunal ulterjorment jinnota illi l-attur ikkomunika mas-soċjeta' intimata numru konsiderevoli ta' drabi u ma wasal imkien u allavolja s-soċjeta' intimata saħansitra tatu diversi appuntamenti li kienu sejrin jinstallawlu l-*blinds* ma mar ħadd.

Ikkunsidra ulterjorment

Illi f'Legislazzjoni Sussidjarja 387.01 Regoli dwar it-Tribunal ghal talbiet tal-Konsumaturi, Regola 12.1 tgħid illi '**jekk l-intimat ma jattendix seduta, l-Arbitru jista' jiddeciedi t-talba kontra dak l-intimat;**

Deċiżjoni

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti prova il-każ tiegħu suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tiegħu għandha tiġi milqugħa fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna s-soċjeta' intimata tirrifondi s-somma ta' mitt Ewro (€100) fl-intier tagħha kif ukoll jikkundanna lill-istess soċjeta' tħallas is-somma ta' għoxrin Ewro (€20) lill-istess attur bħala danni morali għall-inkonvenjenza li kkawżalu filwaqt illi tiddikjara l-kuntratt bejnet il-partijiet xolt.

Bl-ispejjes kontra l-istess soċjeta' intimata.

Deborah Schembri
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

Arbitru